MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 1032/2005

IL-PULIZIJA
INSPECTOR JESMOND BORG
VS
Minuri T

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Minuri T ta' Omissis, iben Omissis, imwieled Omissis fit-Omissis residenti fil-fond numru: Omissis u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru: Omissis

A. Illi huwa akkuzat talli gewwa Villagg X u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, nhar Omissis Data u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B. Illi b'eghmil zieni, kkorrompa lil Minuri B, minorenni ta' Omissis Snin u dana bi ksur ta' l-Artikolu 203(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. Illi bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, issekwestra lil Minuri B minn Villagg X kontra l-volonta' taghha u gieghel lil Minuri B taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha, liema delitt huwa aggravat billi l-imsemmiija Minmuri B hi persuna minorenni u dana bi ksur ta' l-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

D. Illi kkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta' Minuri B, u dana bi ksur ta' l-Artikoli 201 u 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-amissjoni tal-imputat ghal-akkuzi dedotti kontra tieghu (vide fol. 109);

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.57) fejn fuq l-istess Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 11 ta' Dicembru 2006 (a fol.56) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Minuri T** hati skond l-akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tat-tielet u raba akkuza fit-tieni akkuza, u wara li rat Artikoli 18, 37, 86, 87(1)(g), 203 (1)(a), 201, 207, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta ' *Probation* ghall-perjodu ta' tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Di piu din il-Qorti tordna il-hrug ta'Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u favur il-Minuri B u l-familja taghha , bil-kundizzjoni li l-imputat ma' javvicinax, ma jkellimx , u ma jimmolestax lill-Minuri B jew lill-familja taghha, u dan wara li l-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet elenkati f'Artikolu 412C (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi l-imputat stess fi zmien tal-akkuza kien minorenni , il-Fedina Penali tieghu u cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------